MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**DEBORAH MIFSUD ATTARD**

Seduta tas-27 ta' Settembru, 2013

Talba Numru. 374/2012

Anna Faniello
ID 302962M

Vs

Rita Mercieca

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-18 ta' Mejju, 2012 fejn l-attrici talbet sabiex tithallas is-somma ta' tlett elef u erbgha mitt ewro (€3,400) liema somma giet mislufa lill-konvenuta brevi manu kif ser jirrizulta waqt il-gbir tal-provi. Bl-ispejjez u bl-imghax.

Wara li l-konvenuta giet debitament notifikata pprezentat risposta fejn eccepiet illi hi ma ghandhiex tghati l-ammont mitlub mill-attrici. Il-partijiet kellhom relazzjoni u kienu jghixu flimkien u kwalunkwe ammont ta' flus versat lilha kien in via ta' donazzjoni kif gieli ghamlet hi mal-attrici.

Inoltre pprezentat kontrotalba ghall-ammont ta' elfejn ewro fejn qalet illi hija ghandha tiehu s-somma ta' elfejn ewro (€2,000) rapprezentanti oggetti li ma gewx konsenjati lilha minkejja li talbithom kif ukoll valur ta' servizzi rezi lill-attrici.

Illi b'risposta ghall-kontrotalba pprezentata fit-13 ta' Lulju, 2012 l-attrici eccepiet illi t-talbiet kif kontenuti fil-kontrotalba tal-konvenuta ghandhom jigu michuda kemm fid-dritt u fill-fatt. Bl-ispejjez tal-kawza.

Fis-seduta tat-3 ta' Ottubru, 2012 xehdet l-attrici Anna Faniello fejn spjegat illi hija fethet il-kawza biex il-konvenuta tigi mgielgha tghati lura l-flus li l-attrici tghatha b'self. Spjegat illi mija u hames ewru u hamsa u tmenien centezmu (€105.85) mis-somma mitluba tirrizulta minn cheque numru 51 HSBC imhallas fit-23 ta' Lulju, 2009. Dan thallas lil Untours f'isem Rita Mercieca biex thallas xi licenzja. Din thallset ghal karrozza FAB 404 li kienet proprjeta tal-konvenuta.

Il-konvenuta damet tlett snin tghix ghand l-attrici u l-attrici kienet tmantniha ghaliex avolja l-konvenuta kienet tahdem xorta kienet tghid illi flus bizzejjed ma ghandhiex. Ghalhekk kienet tghatiha l-attrici. L-attrici kienet tat lil konvenuta wkoll is-somma ta' disgha mitt ewro (€900) sabiex thallas lil gharus li kellha qabel. Dan l-attrici kienet tafu peress illi lil konvenuta kienu cemplulha mill-ghassa ta' Bormla biex thallas. L-attrici kienet ghamlitha cara lil konvenuta li dawn kellha terga tghatihomlha pero l-ewwel thallas lil gharus li kellha imbaghad thallas lilha peress illi kienet taf illi dawn kienu tal-karrozza FAB 404 li kienet ghadha rregistrata fuq l-gharus li kellha.

L-attrici taf ukoll illi l-konvenuta kellha boathouse fil-Qajjenza u kienet talbet lil konvenuta biex tara x'ser taghmel biex thallasha filfatt inbieghet din il-boathouse biex tibda tithallas l-attrici. Pero l-persuna li xtrat il-boathouse hallset billi tat karrozza lil Rita Mercieca u billi tatha kambjala ta' elf hames mitt ewro (€1,500). Izda meta l-attrici marret biex il-flus minghand certu Freddie Attard dan qalilha li lilha ma jafhiex u jaf lil Rita Mercieca u ghalhekk l-attrici regghet baqghet b'xejn.

L-attrici spjegat ukoll li parti mill-ammont li qed titlob huwa kont tal-Melita li huwa ghal ammont ta elf mija u wiehed u sebghin ewro u disgha u ghoxrin centezmu (€1,171.29) li pero l-attrici ma ggib ebda prova li dan filfatt thallas. Imnizzel biss li thallsu l-ammont ta' mitejn u hamsa u erbghin ewro (€245). L-attrici qalet ukoll illi kienet ftehmet mal-konvenuta wara li din telqet minghandha u reghget irritornat sabiex tibda thalli l-ammont ta' mija u hamsin ewro (€150) fix-xahar. Liema somma ttella l-ammont ta' disgha mitt ewro.

In kontro ezami l-attrici meta mistoqsija dwar l-affarijiet li l-konvenuta halliet ghandha tghid illi ghad hemm xi affarijiet imma tichad kategorikament li hemm id-DVD bis-surround.

Xehdet il-konvenuta Rita Mercieca li spjegat illi hi kellha relazzjoni mal-attrici. Tistqarr illi meta kienet iltaqghet maghha kien hi li qabdet maghha pero min-naha l-ohra kienet l-attrici li bdiet tigbdilha l-attenzjoni ghal gibdiet taghha lejn is-sess femminil. Il-konvenuta tghid illi peress illi kienet tahdem hinijiet inqas mill-attrici kien ikollha tmur tghinha fil-karaoke bilfors minkejja li kienet tiehu pjacir. Semmiet ukoll illi ma tistax tgorr mill-karrattrru tal-attrici pero meta tkun fis-sakra kienet tkun aggressiva u kienet ukoll terfa jdejha.

Il-konvenuta tghid illi l-attrici kienet taf bis-sitwazzjoni finanzjarja tal-konvenuta pero dejjem accettatha lura wara xi glieda u l-konvenuta tkun telqet minghand l-attrici. Dan pero ma jghatihiex id-dritt li ma tirritornax lura flus mghotija lilha. Il-konvenuta tammetti wkoll li hemm  il-kont tal-Melita fuq isem  l-attrici pero tghid illi dawn il-flus qatt ma talbithomlha, talbithom biss wara li saret taf li l-konvenuta kellha boyfriend.

It-tribunal ra illi din il-kawza ma gietx sostanzjata b'ricevuti jew skritturi bejn il-partijiet u ghalhekk it-Tribunal kellu joqghod fuq il-verzjonijiet illi taw il-partijiet u fuq il-kredibilita tal-partijiet. It-Tribunal jemmen illi l-attrici kienet tati flus lil konvenuta u fic-cirkostanzi li kienu jghixu

flimkien ma jistax jippretendi illi jkollu skrittura bejniethom . Min-naha l-ohra ma jistax jemmen totalment dak li qalet il-konvenuta u jemmen ukoll illi kull meta inghata l-flus il-konvenuta kien jinghad lilha dawk hudhom ma rridhomx. Jekk forsi sar hekk bl-ewwel ghotjiet zgur mhux ghal ghotjiet kollha. Lanqas tista l-konvenuta tippretendi illi tiehu l-flus minghand l-attrici u ma troddhomx lura ghaliex iggib l-iskuza li kellhom relazzjoni u kienu jghixu flimkien.

Min-naha l-ohra t-Tribunal ma jista jilqa t-talbiet kollha tal-attrici bhal per ezempju l-kambjala kienet hemm biex tithallas tal-ammont ta’ qabel allura din ma tistax tinghad.

Fir-rigward tal-kontrotalba tal-konvenuta fejn elenkat diversi oggetti li halliet warajha it-Tribunal jemmen illi filfatt il-Griglioso u d-DVD bis-surround u l-microphone ghadhom ghand l-attrici. Din ghandha tirritornahom lil konvenuta.

Ghal dawn il-motivi t-tribunal wara li semgha x-xhieda u ra d-dokumenti pprezentati jaqta u jiddecidi illi jilqa t-talba attrici limitatament ghal-ammont segwenti: l-ammont tac-cheque ta’ mija u hames ewro u hamsa u tmenin centezmu (€105.85), jilqa wkoll l-ammont ta’ disgha mitt ewro (€900) li thallsu lil gharus ta’ qabel ghall-karrozza FAB 404. L-ammont ta’ elf mija u wiehed u sebghin ewro (€1,171) li ghandhom jithallsu lil attrici biex thallas il-kont tal-melita. Kif ukoll l-ammont ta’ sitt mitt ewro (€600) ghal dawk is-sitt xhur li l-konvenuta qaghdet ghand l-attrici u kien hemm ftehim ta’ flus.

Ghalhekk it-Tribunal jordna sabiex il-konvenuta thallas l-ammont globali ta’ elfejn sebgha mija u sitta u sebghin ewro u hamsa u tmenin centezmu (€2,776.85) lil attrici bl-imghax legali dekorribli mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.

Fir-rigward tal-kontrotalba t-Tribunal jordna lil attrici sabiex tirritorna lil konvenuta d-DVD bis-surround, il-microphone u l-Griglioso lil konvenuta u dan fid-data li tithallas hi s-somma ordnata mit-Tribunal. Kemm il darba dawn it-tlett oggetti ma jigux ritornati allura ghandhom jitnaqqsu l-

ammont ta’ mija u ghoxrin (€120) ghal Griglioso, disgha mitt ewro (€900) ghas-surround bid-DVD u mija u tmenin ewro (€180) ghal micro phone. Pero l-ammont ta’ elf u mitejn ewro (€1,200) jitnaqqsu biss mill-ammont dovut lil attrici kemm il darba din ma tirritornax l-oggetti lil konvenuta u mhux b’ghazla tal-konvenuta li ma tiehux l-oggetti lura.

Kulhadd ghandu jhallas l-ispejjez tal-kawza tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------